# PRIŻMA

**Radjudramm ta' Victor Apap**
**(Jorbot ma' Diċembru 1976, paġna 110)**

ĠIB MUŻIKA FIX-XEJN

**Toni:** Sibt ruħi mdaħħal f'basla bla ma naf kif. Ippruvajt noħloq ħafna skużi jien u nkellem lil Kleo, imma aktar bdejt ninsaram, sakemm spiċċajt biex waqt li konna fil-karrozza għidtilha s-sewwa kollu. Intilfet minn sensiha ma' l-aħbar u aktar sibt ruħi mfixkel. Minn ba'u kelli mmur funeral jumejn wara. Għaddew ftit ġranet u ltqajt ma' Kleo għaddejja bil-mixi minn triq imwarrba ta' Napli.

**Kleo:** Sur Bajada, lanqas irringrazzjajtek ta' kemm għamilt miegħi dik il-lejla tad-diżgrazzja.

**Toni:** Kienet biċċa xogħol iebsa wisq dik li għabbewni biha.

**Kleo:** Naf. U kellek tkun int, frustier, li tidħol għa'iha.

**Toni:** Ma nistax infissirlek x'ħassejt f'qalbi meta rajtek mitluqa fil-karrozza.

**Kleo:** Kienet diżgrazzja kbira wisq għalija. Jien naf xi tlift.

**Toni:** Issa trid tipprova tinsa.

**Kleo:** Kif nista'? Minn kull fejn ngħaddi ma narax ħlief uċuh koroh iħarsu lejja. Bħalma tara qiegħda nitwarrab mill-qalba tal-belt. Il-bieraħ żewġt irġiel bdew mexjin warajja u kieku taf kemm kliem iebes qalu kontra tiegħi.

**Toni:** Trid tagħmel ta' birruħek ma smajthomx.

**Kleo:** Hekk għamilt. Imma qalbi ħasset xorta waħda.

**Toni:** Għalissa pprova skarta n-nies li ma tafhomx.

**Kleo:** M'għandix għalfejn nibqa' ngħix aktar hawnhekk. M'hawn xejn x'jiġbidni f'din il-belt. Qiegħda naħseb biex immur lura lejn l-Eġittu.

**Toni:** Wassaltha biċċa triq sewwa u sel'imtilha. Għafsitli idi bil-qalb.

**Kleo:** Ma ninsiek qatt, sur Bajada.

**Toni:** Telqet bil-pass tagħha ħafif u ma rajtha qatt aktar. Deherli li kelli mmur nirringrazzja lill-kontessa Walewska li kienet laqgħetni bħala mistieden f'darha. Mort sibt lix-xiħa s-saħħara biex xtrajt mingħandha ftit ward sabiħ u tlaqt għal għand il-kontessa. Sibtha mifqugħa bil-biki. Għandu jkun kien destin tiegħi li dawk il-ġranet inħabbat wiċċi ma' nisa mbikkija.

**Marie:** **(imbikkija)** Għaddi, għaddi.

**Toni:** X'għandek, kontessa? Il-biki jagħmel ħażin għall-għajnejn sbieħ li għandek.
**Marie:** Il-papà! Il-papà tiegħi jgħix f'Leningrad.
**Toni:** Kif inhi din? Me'a fir-Russja għad hemm in-nobbli?
**Marie:** Il-papà mhux nobbli. Jiena sirt kontessa biż-żwieġ. Il-papà jaħdem ġo fabbrika ġo Leningrad.
**Toni:** U tixtieq tmur tarah, għandi naħseb.
**Marie:** Daż-żgur. Wasalli te'egramm li qiegħed fi sptar marid gravi.
**Toni:** Imma billi tibki ma tkun qiegħda ssewwi xejn.
**Marie:** Naf. Tlabt lil Napoleon iwassalni ħdejh bl-ajruplan tiegħu.
**Toni:** Napoleon għandu ajruplan?
**Marie:** U jsuqu huwa stess. Għadu kemm ħareġ biex imur jirranġa d-dokumenti ħalli nitilqu.
**Toni:** Allura m'għandekx għalfejn tibki. Ma ddumx ma tkun ħdejn il-papà tiegħek.
**Marie:** Min jaf jekk nilħqux ħaj:
**Toni:** Mela ma tilħqux! Agħmel kuraġġ, kontessa.
**Marie:** Nixtieqni diġà qiegħda fuq l-ajruplan.
**Toni:** U ma damitx ma kienet fi triqtha lejn ir Russja. Kien ajruplan ġett, mhux kbir imma sabiħ. Mort insellmilhom. Għad li Napoleon ma tantx ħa gost, qabel te'għet fuq l-ajruplan, Marie għannqitni u biesitni. Ftakart fil-lejla tal-ballu meta jiena u Marie qattajna ħafna ħin flimkien.

HOSS TA' AJRUPLAN QIEGHED ITIR

**Napoleon:** Inħossni ferħan għal żewġ raġunijiet.
**Marie:** Ferħan għandi l-papà qiegħed imut?
**Napoleon:** Ħalini nkompli: ferħan għax qed naqdi lilek, u ferħan ukoll għax ħlisna minn dak il-Malti.
**Marie:** Kemm ma ħadtx grazzja miegħu?
**Napoleon:** Mill-ewwel darba li rak ma qalax għajnejh minn fuqek.
**Marie:** Għadek għajjur wisq int.
**Napoleon:** U għandi għalfejn inkun: bqajt bqajt sakemm bistu quddiemi qabel tlajt l-ajruplan.
**Marie:** Fejn sa narġa' nitaqa' miegħu?

GIB FIX-XEJN IL-HOSS TA' L-AJRUPLAN

**Toni:** Qasmu l-Italja, taru fuq l-Awstrija, għaddew mill-Ungerija, il-Polonja u bdew itiru fuq ir-Russja meta qamet tempesta ta' silġ u riħ qawwi.

## RIH IVENVEN U HOSS TA' AJRUPLAN

**Marie:** Napoleon, qiegħda nibża'.
**Napoleon:** La wasalna s'hawn, naslu.
**Marie:** Taf aħniex mexjin sew?
**Napoleon:** Halli f'idejja; toqgħodx tinkwieta ruħek.
**Marie:** Qegħdin nieħdu skossi qawwija wisq. Il-makni donnhom bil-ħsara.
**Napoleon:** Ġett minnhom mhux jaħdem. Tibżax, miniex inżomm fil-għoli ħafna.
**Marie:** Jiena mwerwra. Aħjar tara nistgħux ninżlu x'imkien.
**Napoleon:** Fejn trid li ninżlu? Hlief silġ ma jidher xejn aktar.
**Marie:** Imma ħsara għandna, hux tassew?
**Napoleon:** **(imħasseb)** Iva, iva, Marie. Ħsara għandna. Imma x'nista' nagħmel? Qed nipprova nasal.
**Marie:** **(imbikkija)** Neżlin! Neżlin!

HOSS TA' AJRUPLAN QIEGHED JIĠĠARRAF. TWERŻIQA TA' MARIE. TISBITA QAWWIJA TA' AJRUPLAN TINSTAMA' B/G L-OVERTURE 1812.

**Toni:** L-ajruplan iġġarraf. Xi nies ta' l-inħawi resqu lejn l-ajruplan, ħarġu minnu lil-kontessa mitfufa minn sensiha, imma lanqas intebħu li kien għad fadal hemm ġew Napoleon. Meta dan ġie f'tiegħu lil Marie ma sabhiex. Haseb li kienet ħarbitlu u beda miexi għajjien u mifluġ fuq is-silġ bla ma lanqas kien jaf fejn sejjer. Mexa fuq li mexa sakemm sab ruħu fil-fruntiera u raġa' lura bit-tren lejn Napli. Fuq Marie ma sama' xejn aktar. Meta ltqajt miegħu kien bniedem mibdul.

## WAQQAF IL-MUŻIKA

**Napoleon:** Ma rridx naf aktar b'ġiri ma' l-Ewropa.
**Toni:** Qtajt qalbek mill-ħajja?
**Napoleon:** Qtajt qalbi mill-bnemin. Issa irrid ngħix fil-ġabra u l-ħemda.
**Toni:** Il-bliet ma tantx fihom ħemda u lanqas tista' tgħix miġbur.
**Napoleon:** Miniex sa nibqa' fil-bliet. Hemm gżira ċkejkna f'nofs l-Atlantiku: immur hemmhekk inqatta' l-aħħar snin ta' ħajti għall-kwiet.
**Toni:** Mort narah tielaq għall-Gżira ta' Sant'Elena. Kien sar im-

żaqqaq, u wiċċu kien safrani u mixrub. Deher li kien bniedem imdejjaq għall-aħħar u li qata' jiesu mid-dinja. F'qalbi għidt: kif igħid il-qawl, lil min issemmih, lesti x'tagħtih. Kif kont miexi ingħaqadt magħha. F'dawk il-ftit ġranet ġo Napli tista' tgħid li ma kien fadal ħadd. Iva, kien għad hemm Horatio u Emma. U kif igħid il-qawl, lil min issemmih, lesti x'tagħtih. Kif kont miexi bil-lajma ma' xatt il-baħar ġejt wiċċ imb wiċċ magħhom.

**Emma:** Ara s-sur Bajada!

**Toni:** Horatio, għal qalbek il-lum! Napoleon siefer.

**Emma:** Ma tantx nistgħu nkunu ferħanin bl-aħbar li għadna kemm smajna fuq ir-radjo.

**Toni:** Ma smajthomx l-aħħar aħbarijiet.

**Horatio:** Għadek ma taf xejn fuq Kleo?

**Toni:** Xi ħaġa oħra ġdida? Was'itli mingħandha kartolina mi l-Eġittu.

**Emma:** Mela l-aħħar li kitbet lilek.

**Toni:** Xinhu li smajtu fuqha? Tħallunix fuq ix-xwiek

**Emma:** Kleo qatlet ruħha b'idejha.

**Toni:** Tassew? Miskina. Kemm kienet mara sabiħa!

**Horatio:** U kienet għadha fl-aħjar tagħha wkoll. Disgħa u tletin sena kellha.

**Emma:** Kemm tafhom l-etajiet tan-nisa!

**Horatio:** U x'nafhom, nafhom. Qalu f'l-aħbarijiet.

**Emma:** Ma nistgħux nibqgħu aktar f'din il-belt. Laqqgħetna ma' wisq għawġ u taħwid.

**Horatio:** Sa nitilqu għal Londra għada fil-għodu.

**Toni:** Tajjeb. Nixtiqilkom vjaġġ sabiħ.

**Emma:** F'Londra qegħdin ilestulna festi kbar. Ninsew daqsxejn middwejjaq li għaddejna minnhom dan l-aħħar.

**Toni:** Iddevertu. Nixtieq xi darba niġi Londra.

**Emma:** Titħajjarx tiġi sa l-Ingilterra magħna?

**Horatio:** Kif magħna? Ma tarax li s-sur Bajada ma jistax joqgħod imsiefer għal żmien twil!

**Toni:** U lanqas inħobb immur fejn ma nkunx milqugħ bi pjaċir.

**Emma:** Horatio kieku jkun jista' jirranġalek biex tiġi mistieden għal xi riċevimenti li sa jsiru.

**Horatio:** Tgħidx ħmerijiet, Emma. L-istedin isir minn żmien qabel. Inti jmissek taf biżżejjed għax kellek ħafna okkażjonijiet fl-Ambaxxata ta' Napli.

**Toni:** Għal did-darba żgur li le. Tkun xi darba oħra. Hallejtkom.

**(Jissokta)**